# QORTI CIVILI – PRIM’AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 27 t’April, 2001**

**Numru 21**

**Cit. Nru. 484/01 GCD**

**Zammit & Cachia Limited**

**Vs**

**Super Master Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta hi debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta’ erbat elef u seba’ mija u ghoxrin liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm4,720.74) prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-istess socjeta` Super Master Limited, liema ammont baqa’ ma thallasx;

Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata sabiex thallas din is-somma izda baqghet inadempjenti;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erbat elef u seba' mija u ghoxrin liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm4,720.74) prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-istess socjeta` Super Master Limited, liema ammont baqa' ma thallasx, u dana bid-dispensa mis-smigh tal-kawza ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u in vista ta' l-affidavit ta' l-attur (Dok. "A");

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru pprezentati kontestwalment mac-citazzjoni, u bl-interessi ikkalkolati mid-data tal-konsenja tal-merkanzija.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn George Cachia u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-

kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm